MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru. 70/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Frances Gambin**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Frances Gambin detentur tal-karta tal-identita` numru 431050(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Marzu 2009 u fix-xhur u s-snin ta' qabel:

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ta ordni lil hadddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew mahgmula b'risoluzzjoni wahda, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'divesi atti mghamulin fi zminijeit differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija flaza, jew ta taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi

bihom dawn, halfu l-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

U aktar talli b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Frar, 2005;

Kif ukoll talli b'hekk kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 meta kkommeta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Gunju 2008;

U aktar talli b'hekk sar recidiv a terminu tal-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 7 ta' Frar 2005

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina tal-imputat.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-difiza tat-tlettax (13) ta’ Ottubru 2014 fejn intalab sabiex jitqabbad probation officer sabiex jara l-idonjeta’ tal-imputat jekk ikollu jigi kkundannat ghal ordni ta’ servizz fil-komunita’.

Rat ir-rapport tal-probation officer Gordon Grech li fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Marzu 2015 (Dok. GG 1), wara li ha konjizzjoni tal-atti kollha, huwa ippropona li l-imputat huwa idoneju ghal ordni ta’ servizz fil-komunita’ izda jekk din tinghata tkun fil-massimu taghha.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 42(a),(b),(d), 49, 121A(2), 185(1) u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalkemm l-imputat ghandu l-addebitu tar-recidiva a bazi tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, thoss li l-aktar piena idoneja ma tkunx ta prigunerija effettiva u ghalhekk wara li ssibu hati tal-akkuzi kollha, u stante li mit-tieni (2) sar-raba’ (4) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------